MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 882/2008

White Light Pictures Limited (C15736).

Vs

International Trading Company Limited (C10187)

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet illi permezz ta’ ftehim datat 10 ta’ Settembru 1999, hija dahlet fl-obbligazzjoni mas-socjeta’ konvenuta biex tissupplixxi u tinstalla makkinarju cinematografu lil ‘National Arts Centre’; illi peress li mhux kollox li gie supplit lis-socjeta’ konvenuta kellu provenjenza Ewropeja, kien hemm certu makkinarju li kien suggett ghal dazju fuq l-importazzjoni, liema dazju ma kienx inkluz fl-ammonti kwotati fil-ftehim datat 10 ta’ Settembru 1999, u kellu jithallas mis-socjeta’ konvenuta; illi skond l-imsemmi ftehim, dan id-dazju ghandu jithallas mis-socjeta’

konvenuta u jammonta ghal elfejn disa' mija u wiehed Ewro u hdax-il centezmu (€2,901.11) ekwivalenti ghal Lm1,245.45 kif indikat fil-fattura numru 00391 tat-22 ta' Frar 2000; illi apparti l-premess, nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Jannar 2004, is-socjeta' konvenuta kriet 'projector' minghand is-socjeta' attrici, kif indikat mill-fatura numru 01155 ghas-somma ta' hamsa u tletin lira Maltin u erbghin centezmu (Lm35.40) liema somma hija ekwivalenti ghal tnejn u tmenin Ewro u hamsa u erbghin centezmu (82.45 Ewro) u liema somma ma gietx imhallsa mis-socjeta' konvenuta minghajr ebda raguni valida fil-ligi. Illi b'kollox ghalhekk is-socjeta' konvenuta hija debitur tas-socjeta' attrici fis-somma globali ta' elfejn, disa mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,983.56) oltre l-imghax mid-dati tal-fatturi relattivi sal-pagament effettiv u spejjez.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta li eccepiet illi t-talbiet tas-socjeta attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' konvenuta kienet harget sejha ghall-offerti lil diversi kumpaniji fosthom lis-socjeta' attrici sabiex tissupplixxi u tinstalla makkinarju cinematografiku fin-National Arts Centre. Illi fis-sejha ghall-offerti s-socjeta' konvenuta stipulat li kull prezz ta' offerta maghmula ghandha tinkludi t-taxxi u d-dazju tal-makkinarju supplit u dan m'ghandux ikun ikkwotat separatament. Illi s-socjeta' attrici ddecidiet li tinjora din il-kundizzjoni u f'Settembru tas-sena 1999 kkwotat prezz komplessiv ta' €91,429.20 ekwivalenti ghal Lm39,240. Illi diversi xhur wara s-socjeta' attrici ppretendiet il-hlas ta' €2901.90 ekwivalenti ghal Lm1,245.45 ghal dazju li hi inkorriet sabiex tissuplixxi l-makkinarju, meta s-sejha ghal offerti esplicitament stipulat li l-prezz ghandu jkun ikkwotat b'tali mod li jinkludi taxxi u dazju. Ghaldaqstant s-socjeta' konvenuta titlob lit-Tribunal sabiex tichad it-talbiet tas-socjeta' attrici u tilqa l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta.

Sema x-xhieda ta' Raymond Grech prodott mis-socjeta' attrici.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra.**

Illi in sostenn tat-talbiet taghha, s-socjeta' attrici pproduciet bhala xhud lil Raymond Grech, Direttur tal-istess socjeta' attrici, li spjega kif svolgew it-trattattivi bejn il-partijiet u spjega wkoll ghaliex is-socjeta' attrici qed titlob l-ammont fuq imsemmi mis-socjeta' konvenuta. L-istess xhud ipproduca wkoll sensiela ta' dokumenti li jkomplu jsahhu t-tezi u t-talba tas-socjeta' attrici.

Illi minn-naha taghha, s-socjeta' konvenuta, alavolja inghatat diversi opportunitajiet sabiex tipproduci l-provi taghha in sostenn tal-eccezzjonijiet minnha pprezentati, naqset ghal kollox millli taghmel dan, u ghalhekk dan it-Tribunal ma jara l-ebda raguni valida ghalfejn m'ghandux jilqa fl-intier taghha t-talba attrici.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, jilqa t-talba attrici u jikkundanna s-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elfejn, disa' mija u tlieta u tmenin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€2,983.56), bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**Av. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------